**15 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Paolo Calleja

*versus*

Luigi Vella

**PRESKRIZZJONI TA' ĦAMES SNIN**

*Meta tiġi eċċepita l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-ħames snin kienu għalqu. Jekk dan ġie pruvat, kien imiss imbagħad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien ġie validament interrott.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' ħamsa u għoxrin lira u sittax-il-xelin (£25.16.0) bilanċ ta' prezz ta' għoġol u qamħ mibjugħ lill-konvenut wara li jitnaqqas disgħa liri u sitt xelini (£9.6.0) prezz ta' seba' xkejjer żerriegħa u żewġ liri (£2) żerriegħa li l-konvenut biegħ lill-attur xi żmien ilu. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa.

(1) Illi l-qamħ li semma l-attur ġie mibjugħ lill-eċċi-

pjent xi sitta jew seba' snin ilu, u ġie mħallas mill-eċċipjent fil-kontijiet li saru minn ħames snin ilu, għalhekk f'kull każ tiġi opposta l-preskrizzjoni kwinkwennali.

(2) Illi kwalunkwe kont ieħor bejn il-kontendenti ġie likwidat u *maqtul* u reġa nfetaħ negozzju ġdid bejniethom, bil-konsegwenza illi l-esponent xejn ma għandu jagħti lil Calleja li, għall-kuntrarju jinsab debitur tiegħu skond ma jinsab espost fiċ-ċitazzjoni fl-ismijiet kuntrarji, pendenti quddiem din il-Qorti u li għaliha ssir riferenza.

U għalhekk t-talbiet attriċi għandhom *jiġu miċħuda* bl-ispejjeż — salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, 1958, li bih Dr. Joseph Fenech ġie nominat perit biex jirrelata dwar id-domanda tal-attur wara li jkun ħa konjizzjoni *tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.*

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi perit legali Dottor Joseph Fenech u t-traskrizzjoni tax-xhieda mismugħa quddiemu u li jinsabu inserriti fil-kawża fl-ismijiet inversi (*Citazzjoni 430/1957*).

Rat is-sentenza ta dik il-Qorti tat-tlettax ta' Marzu, 1964 il-Qorti tat-tlettax ta' Marzu, 1964 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur *bl-ispejjeż ukoll kontra l-konvenut* wara li l-Qorti kkunsidrat:—

Illi l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' ħamsa u għoxrin lira u sittax-il-xelin (£25.16.0) bilanċ ta' prezz ta' għoġol u *qamħ mibjugħa* lill-konvenut: il-prezz tal-għoġol hu tlettax il-lira (£13), u tal-qamħ erba' u għoxrin lira (£24) cioe se-

ba' u tlettin lira (£37) kollox: pero billi hu xtara mingħand il-konvenut żewġ partiti żerrieghа bil-prezz ta' disgħa lira u erba' xelini (£9.4.0) u ta' żewġ liri (£2.0.0) rispettivament li għadu ma ħallasx, dawn il-ħdax il-lira u erba' xelini (£11.4.0) għandhom jonqsu mil-kreditu tiegħu u għalhekk jiġi skond it-talba ta' ħamsa u għoxrin lira u sittax il-xelin (£25.16.0).

Il-konvenut ammetta illi ma ħallasx it-tlettax il-lira (£13) prezz tal-għoġol u bir-raġun il-perit legali rrelata illi dawn huma dovuti mill-konvenut għaliex ma kellux dritt, kif ippretenda, illi jikkompensahom mal-kreditu tiegħu li ma kienx likwidu u ċert.

L-attur xehed illi huwa kien biegħ xi ħames snin ilu ċirka moddtejn qamħ bil-prezz ta' tmien liri (£8) il-modd u billi għadda ż-żmien ma jiftakarx sewwa l-ammont li begħlu. Huwa xehed fil-ħamsa u għoxrin ta' Frar, 1960. Il-mara tiegħu xehdet fil-wieħed u tlettin (31) ta' Mejju, 1960 u qalet illi xi sitt snin ilu kienet marret għand il-konvenut titolbu jħallas lil żewġha erba' u għoxrin lira (£24) għal tlett imdiet qamħ bit-tmien liri (£8) l-modd li kien xtara mingħandhom — b'kollox marret tlett darbiet, u l-aħħar darba sabet il-konvenut u dan qalilha li ma kienx għadu ħallas għaliex ma kienx għadu daħħal flus mingħand innies.

Issa l-konvenut fin-nota tal-eċċezzjoni tiegħu ammetta li kien xtara qamħ mingħand l-attur pero jgħid illi saru l-kontegġi u m'għandu jagħti xejn u oppona l-preskrizzjoni kwinkwennali. Fix-xhieda tiegħu ammetta li kellu jagħti tlettax-il-lira (£13) prezz ta' għoġol u qal illi ma kienx jaf illi kellu jagħti xejn iżjed lill-attur. Mela kien kompitu tiegħu illi jipprova d-dekorriment tal-ħames snin mingħajr

ebda interruzzjoni da parti tal-attur għaliex li huwa xtara qamħ bil-prezz ta' erba' u għoxrin lira (£24) irriżulta mill-provi tal-attur, u hu stess ammetta li kien xtara qamħ għalkemm ma ddikjarax kemm. Issa mhux biss huwa ma pprovax illi kienu għaddew iżjed minn ħames snin minn mindu saret iċ-ċitazzjoni, imma anqas ma qal xejn kontra dak li xehdet il-mara tal-attur illi huwa ammetta illi ma kienx ħallas il-prezz tal-qamħ. Peress illi ċ-ċitazzjoni ġiet *notifikata* lill-konvenut f.t-tlettin (30) ta' Jannar, 1958 mentri skond ix-xhieda tal-mara tal-attur l-ammissjoni tal-konvenut saret *fl-1954*, il-ħames snin tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut ma għaddewx. Għalhekk barra t-tlettax il-lira (£13) prezz ta' għoġol imsemmi, il-konvenut, għandu jagħti wkoll il-bilanċ tal-prezz tal-qamħ *ċioe* erba' u għoxrin lira (£24) nieqes £11.4.0 dovuti lilu mill-attur jiġifieri £25.16.0 skond kif talab l-attur.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi *miċħuda* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Din il-kawża ġiet trattata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti flimkien *ma oħra* bejn l-istess partijiet fl-ismijiet invertiti u t-tnejn ġew minn dik il-Qorti deċiżi fl-istess ġurnata. Fit-tnejn kien ġie nominat bħala perit legali Dr. Joseph Fenech li kellu jirrelata "dwar id-domanda ta' l-attur imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni wara li jkun ħa kon-

jizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut." Fost dawn l-eċċezzjonijiet kien hemm il-preskrizzjoni kwinkwennali. Provi f'din il-kawża ma sarux, iżda l-partijiet għamlu riferenza għall-provi m'ġjuba fil-kawża l-oħra.

Issa l-appellant l-ewwelnett jilmenta illi s-sentenza appellata hi nulla u dan għaliex kif jgħid hu, dik is-sentenza hi bbażata fuq ir-relazzjoni tal-perit legali u din hi nulla ossija monka in kwantu li l-perit naqas li jirrelata fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu.

Bir-rispett kollu, din l-eċċezzjoni ta' l-appellant ma tiftehimx. Din ma kienetz perizja teknika fejn l-opinjoni jew konstatazzjoni tal-perit stess fuq punt tekniku tista tkun fiha n-nifisha "prova", iżda kienet perizja legali fejn il-funzzjoni tal-perit kienet dik li jiġbor il-provi mressqin mill-partijiet u mbagħad jirrelata fuqhom u jissottometti l-parir tiegħu anki fuq kwistjoni legali sottomessi mill-partijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti. Huwa veru illi l-perizja hija mezz ta' prova, iżda dan għandu jiftihem fil-limiti ġusti. Ma jagħmelx sens li tgħid li hi "prova" l-espressjoni ta' opinjoni ta' perit ġudizzjarju fuq kwistjoni legali, kif inhi, per eżempju, l-preskrizzjoni. Jekk jirrikorrux ir-rekwiżiti tal-preskrizzjoni (għeluq taż-żmien, nuqqas ta' nterruzzjoni, eċċ.) ma' jiddependix mill-opinjoni tal-perit legali iżda mill-provi li jkunu nstemgħu quddiemu jew xort' oħra quddiem il-Qorti. Għalhekk fuq kwistjoni simili l-Qorti tista' għal kollox tiddeċiedi, fuq dawk il-provi, indipendentement min kull opinjoni jew nuqqas ta' opinjoni espressa mill-perit legali.

Fi kwalunkwe każ, pero, fil-kawża preżenti huwa stramb ferm illi proprju l-appellant jilmenta mill-perizja. Fiċ-ċitazzjoni l-attur kien talab żewġ partiti ċioe tlettax il-

lira (£13) prezz ta' għoġol u erba' u għoxrin lira (£24) prezz ta' qamħ, li minnhom kellhom jonqsu ħdax il-lira u erba' xelini (£11.4.0) li l-attur kien jirrikonoxxi li kellu jagħti lill-konvenut. Il-konvenut preżenti, fil-kawża l-oħra, kien qed jammetti illi l-prezz ta' l-għoġol kien dovut minnu tant illi kien qed jiddeduċieh minn dak li hemm hekk hu stess kien qed jitlob. Rigward dik il-partita, għalhekk, ma sata kien hemm lok, f'din il-kawża, għal ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni. Kwantu għall-partita l-oħra ta' erba' u għoxrin lira (£24) pretiża mill-attur, il-perit legali kkonkluda li l-attur ma kienx ippruvaha u għalhekk irrelata illi d-domandi ta' l-attur f'din il-kawża kellhom jiġu akkolti biss limitatament għall-imsemmi ammont ta' tlettax il-lira (£13) ammess mill-konvenut. Kwindi anqas dwar dik il-partita ta' erba' u għoxrin lira (£24) il-perit ma kellu, verament, bżonn li jirrelata fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ġa la darba, kif intqal, hu kien tal-fehma illi l-kreditu ta' l-attur ma kienx ġie pruvat. Ir-rapport tal-perit legali kien, għalhekk, l-aktar soluzzjoni favorevoli possibbli għall-konvenut.

L-ewwel Onorabbli Qorti adottat sintendi, il-konklużżjoni tal-perit illi t-tlettax il-lira (£13) prezz ta' għoġol huma dovuti lill-attur, una volta illi dawn ġew, kif ingħad fuq, ammessi mill-konvenut fil-kawża l-oħra. Dwarhom il-Qorti ma kkunsidratx il-kwistjoni tal-preskrizzjoni li, għar-raġuni ġa msemmija, ma kien hemm ebda lok għaliha.

Iżda dwar il-partita l-oħra ta' erba' u għoxrin lira (£24) prezz ta' qamħ, dik il-Qorti ma adottatx il-konklużżjoni tal-perit. Hi dehrilha illi mill-provi kien jirriżulta biżżejjed li dik is-somma hi dovuta lill-attur, u li l-preskrizzjoni akkampata mill-konvenut ma kienetx tidher pruvata. Ovvjament l-ewwel Qorti kienet libera li ma taqbelx mal-

konklużżjoni tal-perit fuq il-meritu, salv li issa j'ġi eżaminat fl-appell jekk dik il-Qorti għamlitx sewwa.

Fil-verita l-provi f'din il-kawża huma singolarment inċerti u, fil-fehma tal-Qorti, ma kellux tort għal kollox il-perit legali li deherlu li l-attur ma kienx għamel prova ċara tal-pretensjoni tiegħu. Anqas għandu jintnesa illi l-perit kien ra u semgħa x-xhieda jixhdu quddiemu, u kif qal fir-rapport tiegħu, "mill-mod u atteġġjament tax-xhieda (hu) ħass illi l-attur ma ħallielux affidament biżżejjed biex jitwemmen il-versjoni tiegħu." Veru illi l-konvenut u anki martu ammettew illi darba kienu xtraw qamħ minngħand l-attur: iżda huma komplew jgħidu illi kienu saru l-konteġġi bejniethom u dak id-debitu kien tħallas. Forsi wkoll ta' min josserva, kif osserva l-perit legali, illi kien biss wara li l-konvenut f'din il-kawża għamel il-kawża l-oħra kontra tiegħu illi l-attur ippresenta din iċ-ċitazzjoni.

Pero, ankorke kellu jiġi ritenut kif irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti illi dan il-kreditu ma kienx ġie mħallas lill-attur, din il-Qorti hi ta' fehma illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut dwaru messa tiġi akkolta. L-ewwel Onorabbli Qorti ma jidherx li żammet, għall-finijiet tal-piż tal-prova, distinta l-kwistjoni ta' l-għeluq taż-żmien tal-preskrizzjoni min dik ta' l-interuzzjoni. Ċertament kien imiss lill-konvenut li j'pprova illi l-ħames snin kienu għalqu. Jekk dan ġie pruvat, kien imiss imbagħad lill-attur li j'pprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien ġie validament interrot.

Issa kwantu għaż-żmien Adreana Vella, mart il-konvenut, xehdet illi taf illi "ċirka ħames snin ilu" (hi xehdet fis-sittax (16) ta' Marzu, 1960) żewġha kien xtara xi għoġġiela mingħand Paolo Calleja. . . Taf ukoll illi żewġha kien

xtara xi qamħ żmien qabel ma xtara l-għoġġiela." Kemm żmien qabel jidher minn dak li kompliet tixhed illi, ċioe, xi tmienja jew għaxar snin ilu (minn mindu xehdet) mart l-attur marret għandha titlobha l-flus tal-qamħ.

Skond din ix-xhieda, mela, l-bejgħ tal-qamħ kien sar tmien snin, almenu, minn mindu xehdet, jiġifieri għall-ħabta ta' Marzu 1952 jew qabel. Kontra din ix-xhieda hemm dik ta' l-attur li xehed fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar, 1960 u qal illi n-negozzju (bla ma ddestingwa bejn dak ta' l-għoġol u dak ta'-qamħ) kien sar "xi ħames snin ilu." Iżda din ix-xhieda hi wisq inċerta, għaliex dik id-dikjarazzjoni li l-attur għamel dwar meta sar in-negozzju kienet preċeduta minn dikjarazzjoni oħra fis-sens illi "billi kien għadda ħafna żmien" hu anqas kien jiftakar sewwa l-ammont li kien biegħ lill-konvenut.

Ix-xhieda ta' mart l-attur ma tikkontradiċix ix-xhieda ta' mart il-konvenut dwar iż-żmien meta l-qamħ imbiegħ anzi, fil-fehma tal-Qorti, tikkoroboraha ndirettament. Din ix-xhud (li xehdet fil-31 ta' Mejju 1960) qalet illi xi sitt snin qabel, hi kienet marret għand il-konvenut biex titolbu l-flus tal-qamħ. Hi ma qalet xejn dwar meta l-qamħ kien imbiegħ: iżda, meta wieħed iqis kif jidhru li kienu jsiru n-negozzji bejn dawn iż-żewġ partijiet wieħed għandu jippreżumi illi d-dejn kien ilu dovut meta mart l-attur marret ripetutament — kif tgħid hi — biex titlob il-ħlas.

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li ġie suffiċjentement pruvat illi dan in-negozzju sar aktar minn ħames snin qabel ġiet presentata ċ-ċitazzjoni fit-tnejn u għoxrin ta' Jannar, 1958.

Pero mart l-attur qalet illi meta hi marret titlob il-ħlas, kif intqal, ċirka sitt snin qabel xehdet, il-konvenut

ammetta li kien għad ma ħallasx għax ma kienx daħħal flus mingħand in-nies. Kieku dan kien hekk allura l-preskrizzjoni ġiet validament interrotta. Iżda kwantu għażżmien ta' meta dan suppost ġara mart l-attur hi kontraddetta minn mart il-konvenut li, kif ġa ssemma aktar il-fuq, xehdet illi mart l-attur kienet marret għandhom biex titlob il-ħlas, mhux sitt snin qabel l-1960 iżda "xi tmienja jew għaxar snin," voldiri ma dwar sitt snin qabel saret iċ-ċitazzjoni. In vista ta' dan il-kunflitt il-Qorti jidhrilha illi ma jistax jingħad illi ġie pruvat illi l-interruzzjoni saret ma tul il-ħames snin qabel bdiet din il-kawża.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell limitatament, fis-sens illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur tlettax il-lira (£13) prezz ta' għoġol u sa dak l-ammont tilqa t-talba ta' l-attur, u tirrevokaha għall-kumplament billi għar-rigward tal-bilanċ tilqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mil-konvenut u, kwindi, tiċħad it-talba ta' l-attur. Ta l-akkreditament illi l-ewwel Qorti għamlet favur l-appellat preżenti fil-kawża l-oħra l-Qorti ma tistax tieħu ebda konjizzjoni peress li dik is-sentenza l-oħra ma hix quddiemha.

L-ispejjeż ta' prim' istanza jitħallsu fil-proporzjoni tar-rebħ u telf rispettiv kif issa stabbilit. Dawk ta' l-appell jitħallsu bin-nofs.